MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2009

Avviz Numru. 474/2004

**Anthony Mckay**

**Vs**

**SMS Insurance Agency Limited u b’digriet tas-17 ta’ Jannar 2005 zdiedu il-kliem “bhala agenzija ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ estera Ecclesiastical Insurance Office p.l.c.”**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex is-socjeta’ konvenuta nomine tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas id-danni ikkagunati fuq l-‘appliances’ li gew iddanneggjati gewwa r-restaurant bl-isem ta’ “Al Mare Restaurant’ fi Triq il-Lanca, Valletta minn fejn jopera l-attur u dana minhabba incident li sehh nhar l-erbatax (14) ta’ Dicembru 2003 fejn inharqet l-‘electical distribution box’ gewwa l-imsemmi stabbilment bir-rizultat li ghadd kbir ta’ ‘appliances’ gew iddaneggjati u dana a

bazi ta’ polza t’assikurazzjoni li l-attur kellu mas-socjeta’ assikurattiva konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghax u rappresentanti u diretturi tas-socjeta’ assikurattiva konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

L-attur ghal kull buon fini jiddikjara lilli d-danni ma jaqbzux is-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta (fol 8 u fol 11 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi s-socjeta’ eccipjenti ma hijiex il-legittima kontradittrici stante li hija *proprio* ma harget ebda polza affavur ta’ l-attur.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat id-digriet Taghha moghti fl-17 ta’ Jannar 2005 (fol 20 ibid).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta nomine (fol 21 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li l-polza ta’ assigurazzjoni in kwistjoni ma tkopriex l-akkadut li abbazi tieghu l-attur qed jipppretendi hlas ghal danni minnu sofferti;
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ewwel nota ta’ eccezzjonijiet li fi kwalunkwe kaz ghandhom ikunu sopportati mill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-<u>noti</u> rispettivi a fol 119 u fol 124 et seq ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u> (fol 26 et seq ibid) spjega illi hu, u ibnu Mario, jiggestixxu restaurant u fid-data in kwistjoni, l-istess ibnu

kien informah illi kien hiereg duhhan mill-'airconditioner' u meta mar fil-post, induna li kienet hierga riha minn fejn kien imwahhal l-arlogg tad-dawl. Difatti l-injama fuq wara tal-istess arlogg kienet mahruqa ('sewda') u minnu kien hiereg id-duhhan. Minhabba hekk, hu kien gab elettricista kif ukoll gew impjegati tal-Korporazjoni Enemalta li biddlu l-istess arlogg. Inoltre hu ra li kienu nharqu diversi 'appliances' fl-istess 'restaurant' cjoe fran 'microwave' u 'airconditioners' u 'television' u dwar dawn hu esebixxa <u>l-ircevuti</u> mahruga meta biddel l-istess 'appliances' dannejjgat (ara fol 31 sa fol 34 inklusa 'quotation') liema ircevuta, pero', ma jinkludix it-'televison'. Dwar dan l-attur jsostni illi dan il-kaz hu kopert b'assikurazzjoni mas-socjeta' konvenuta nomine u kienet saret il-'claim' relattiva. Da parti taghha l-istess socjeta, oltre li ma inkarigatx 'surveyor', kienet wegbitu illi "… ma kont intitolat ghal xi flus minghand l-assikurazzjoni u … ma kontx kopert b'assikurazzjoni in konnessjoni mal-arlogg tad-dawl".

Inoltre l-attur esebixxa l-polza relattiva kif ukoll xi dokumenti relatati mal-istess polza assikurattiva (fol 35 sa fol 75 ibid) (ara ukoll ix-xhieda ta' <u>Marvin Mckay</u> a fol 88 et seq ibid kif ukoll <u>il-prospett u ritratt</u> esebit a fol 114 u fol 111 ibid).

Illi gie prodott xhud importanti f'dan il-kaz cjoe l-elettricista f'dan il-kaz gja indikat, cjoe <u>Anthony Pace</u> (fol 76 et seq ibid) li rrediga <u>rapport</u> li jindika il-kawza tan-nar in kwistjoni. Minn dan <u>ir-rapport</u> (ara fol 81 ibid) jirrisulta x-xhud ikkostata li kien hemm <u>zieda fil-voltagg</u> risultanti minn "… <u>an open neutral circuit fault that burnt the distribution box</u>". Minhabba hekk il-voltagg kien zdied minn "… single phase 240 volts" ghal "a 3 phase voltage of 415 volts". Konsegwentement kienet giet kagunata hsara lill-apparat elettriku gewwa ir-restaurant'. Fix-xhieda tieghu hu qal "Hawnhekk nixtieq nispjega li l-'meter' in kwistjoni kien three phase, pero' in rigward il-kurrent li jidhol fl-'appliances' dan kien 'single phase' ghalhekk kien ikun importanti li n-'neutral' jkun tajjeb.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta' konvenuta nomine pproduciet lil Eleonor Bondin (fol 99 et seq ibid) li spjegat illi, f'dan il-kaz ".. kien gie mitlub l-'electrical clause' " li "… tirreferi ghal fatt illi jekk ikun hemm xi hsara kagunata minn "power surge" l-assikurazzjoni ma tkopriex dan ir-riskju. Pero jekk il-hruq jibqa' jinfirex, dan il-fatt ikun kopert bl-assikurazzjoni in rigward l-hsarat". Hi ssottolineat illi "…'power surge' setghet geit koperta pero' din tkun soggetta ghal polza differenti". Fil-fehma taghha "… jekk il-kawza prossima ("proximate course") kienet hruq, din kienet tkun koperta waqt li kieku l-kawza prossima kienet tkun il-'power surge'" din w il-hsarat kagunati fl-'appliances' ma kienetx koperta taht il-klawsola in esami.

Ikkunsidrat

Illi l-imsemmija "electrical clause tghid 'verbatin' kif ser jinghad (ara memo 1' a fol 42 u fol 108). "If any electrical plant or fittings shall be damaged by fire occasioned by self-ignition over-running excessive pressure short-circuiting self heating or leakage of electricity however caused (exluding lightning) the company shall not be liable for loss in respect of the particular piece of plant or fitting which shall cause the fire but it shall be liable for loss in respect of any other plant or fittings damaged or destroyed in consequence of the fire".

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jidher li hu bazat fuq l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-klawsola denominata "memo 1", kif hawn fuq citata verbatim.

In rigward dan, gew konsiderati s-segwenti artikoli tal-Kodici Civili:-

1) l-artikolu 1002 li jghid illi ma hemx lok, filfatt, ghal interpretazzjoni meta s-sens u sinifikat tal-kliem hu car.
2) L-artikolu 1003 li jghid illi meta is-sens tal-kelma ma jaqbilx mal-intenzjoni tal-partijiet, kif jkun jidher car mill-

pattijiet mehudin kollha flimkien, ghadha tissopravali l-intenzjoni taghhom.
3) L-artikolu 1004 in rigward klawsola li tista' tfisser zewg hwejjeg u f'dan il-kaz din ghandha tfisser dik il-haga li biha jista' jkun hemm xi effett milli dik li biha ma' jista' jkun hemm ebda effett.
4) L-artikolu 1009 li jghid illi,f'kaz ta' dubbju, il-konvenzjoni tigi mfissra kontra dak li favur tieghu saret l-ogglibazzjoni u favur dak li ntrabat bl-obbligazzjoni.
5) L-artikolu 1010 dwar kliem generali u f'dan il-kaz ma jidhlux hlief il-hwejjeg li fuqhom jidher illi l-partijiet kienu intenzjonati li jikkontrattaw.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi tal-istess klawsola u tenut kont tal-artikoli kollha hawn fuq citati kif ukoll tal-fatti risultanti mill-provi kif hawn fuq esposti, il-Qorti hi propensa li tara illi ghandha tigi accettata t-tesi tal-attur fis-sens illi "… jekk appliance partikoli igarrab hsara fih innifsu minhabba li jahdem hazin gew minhabba 'short circuit', dan ma ' huwiex kopert bil-polza pero' il-klawsola tkompli tispjega bl-aktar mod car, illi jekk dak l-appliance' partikolari jikkawza hsara bi hruq f'appliances ohra, allura din il-hsara fl-applainces l-ohra tkun koperta bil-polza. Dan ifisser illi dak li huwa eskluz mill-polza huwa biss il-hsara li tigri fl-appliance partikolari fejn tkun il-problema".

Illi, ghalhekk, ma hemm ebda dubbju illi l-apparat fejn origina n-nar minhabba 'power surge' ossija l-arlogg tal-elettriku bid-difett kif deskritt ma hux kopert bl-assikurazzjoni involuta. Pero in rigward l-'appliances' l-ohra ossija 'plant u fittings' dawn garrbu hsara permezz ta' hruq, kif hawn fuq deskritt, li origina fid-'destribution box" minhabba d-difett deskritt u li bhala konsegwenza, kkaguna dawn "… in respect of any other plant or fittings damaged or destroyed in consequence of the fire".

Ikkunsidrat

Illi dwar il-‘quantum’ mitlub skond il-prospett a fol 114 ibid u ammontanti ghal Lm3,264.20, ma ingiebet ebda prova in kontestazzjoni ta’ dan l-ammont.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti mill-avviz in esami u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta nomine sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ Lm3,264.20 ossija €7,603.54 bl-imghax legali mill-1 ta’ Awissu 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes ta’ dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------